Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Keith Darmanin u Charlot Aquilina

Illum 27 ta' Lulju, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati fuq imsemmi Keith Darmanin, imwieled fis-26 ta' Awissu 1977 u bin Carmelo u Grace Vella u detentur ta' karta ta' l-identita Nru 454277M u Charlot Aquilina, imwieled fil-11 ta' Gunju, 1980, iben Emmanuel u Dolores nee Agius u detentur ta' karta ta' l-identita Nru. 418380M, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn il-25 ta' Lulju, 2001 u is-26 ta' Lulju, 2001 fil-Furjana mill-post maghrufa bhala putirjal ghall-habta ta' bejn 00.00am u 2.00am, bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni, li taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi bil-hsieb li jikkommettu serq ghad-dannu ta' Joseph Galea mill-fond maghruf bhala Fontana Kiosk, ta'

aktar minn mitt lira Maltin izda mhux aktar minn elf lira Maltin, liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, dan bi ksur ta' artikoli 41(a), 261, 263, 267, 270, 271(g) u 279(b) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data u hin, volontarjament hassru, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Joseph Galea, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin, imma teccedi l-elf lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma l-imputat Charlot Aquilina bhala ricediv, u dan talli nhar is-27 ta' Ottubru 1999 gie misjub hati ta' serq aggravat mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D.;

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-4 ta' Ottubru 2000 mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. u aktar talli kiser l-istess kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fi Frar tas-sena 2001 mill-Magistrat Dr. N. Cuschieri LL.D.;

Fuq ammissjoni;

Issibhom **hatja** u dan wara illi rat l-Artikoli 41(1) (a), 261(b), (c), (f), u (g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 279(g) u 325(b) tal-Kap. 9 u 265, 266, 278, 280 tal-Kap. 9;

Fil-konfront ta' Charlot Aquilina biss il-Qorti rat ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 10 tal-Kap 152;

Il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi l-impuatt Darmanin ikkollabora mieghu matul l-investigazzjoni u illi kien l-imputat Aquilina illi heggu sabiex jikkometti dawn ir-erati;

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi Darmanin irregistra ammissjoni;

Ghalhekk wara illi rat ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tara li jkun ferm utli li dan l-imputat Keith Darmanin illi ghandu fedina penali netta, jinghata opportunita' biex jirrifoma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba u mhux jigi karcerat, ghalhekk il-Qorti qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum u qeghda taghmel 'ordni ta' probation' li permezz tieghu tqieghdu taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-probation Marianne Zammit ghall-perijodu ta' 3 snin millum.

Ghal dak illi jirrigwarda l-imputat Charlot Aquilina, il-fatti huma totalment differenti. Huwa ghandu fedina penali ferm infelici, huwa ricediv u kiser **darbtejn** u fi zmien qasir 'ordni

tal-probation' moghtija mill-Qorti biex b'hekk wera li ma riedx jibbenefika mid-diversi opportunitajiet moghtija lilu mill-Qorti. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tikkundannah ghall-prigunerija ta' hames xhur u dan wara illi rat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 u ikkunsidrat illi l-imputat ikkollabora mal-Pulizia waqt l-investigazzjoni, irregistra ammissjoni u obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghad-danni kollha.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur